MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Numru 111/2011

**Denunzja fl-atti tal-kawza**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**William Charles Merchant**

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-ufficjal tal-probation Chantall Avellino li biha ghamlet denunzja quddiem din il-Qorti fil-konfront ta’ William Merchant talli dana naqas li jzomm ruhhu f’kuntatt mal-ufficju u l-ufficjal tal-probation skond id-direttivi moghtija lilu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-probation officer Chantall Avellino.

Rat illi din id-denunzja giet differita diversi drabi sabiex id-denunzjant ikun debitament assistit anki bl-Avukat tal-Ghajnuna Legali.

Rat illi d-denunzjant dejjem deher mhux assistit anki meta l-Qorti wissietu illi jekk jibqa` jaghmel hekk xorta se tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta’ Marzu 2010 d-denunzjant William Charles Merchant inghata ordni ta’ probation u fost il-kundizzjonijiet kien hemm dik illi joqghod ghall-ordnijiet tal-probation officer li tkun assenjat ghal kaz tieghu, li f’dan il-kaz kienet Chantall Avellino.

Din xehdet illi minkejja l-isforzi taghha, Merchant dejjem baqa` jisfida` w ma kkooperax maghha fil-qadi ta’ dmirijietha. Minkejja dan, tat diversi opportunitajiet lid-denunzjant sabiex jerga` lura mit-triq li jkun qabad u jikkoopera maghha izda xorta baqa` jwebbes rasu u ma jikkooperax.

Dana ratu din il-Qorti anki fil-pendenza ta’ dan ir-rikors meta id-denunzjant xorta baqa` jippersisti u ma jikkooperax mal-probation officer anki meta kien jaf li kien hemm dan ir-rikors fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti wissiet lid-denunzjant diversi drabi dwar il-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu, izda dan baqa` jippersisti u din il-Qorti m’ghandhix triq ohra hlief li tghaddi sentenza ta’ piena karcerarja fil-konfront ta’ William Merchant.

Ghalhekk din il-Qorti taqta` w tiddeciedi illi filwaqt li tiddikjara lid-denunzjant William Merchant naqas milli jottempora ruhu mal-kundizzjonijiet ghall-ordni ta’ probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, wara li rat l-artikoli 261, 262(1)(b), 263, 264, 267, 268, 278, 279, 280, 281 u 31 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lid-denunzjant William Charles Merchant ghall-piena ta’ prigunerija ta’ disa` (9) xhur, oltre l-konferma tal-ewwel sentenza fejn id-

denunzjant gie kkundannat ihallas multa ta’ elfejn u tlett mitt Ewro (€2300) kif ukoll ipprojbit milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn dik is-sentenza

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------